# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 9 ta' Dicembru, 2015**

**Talba Nru: 805/2015/VG**

**Joseph CELESTE [ID. Nru. 707855M] f'ismu proprju u ghan-nom tad-Ditta Celeste Video Rentals**

**vs**

**Rocky Ibrahim Gad Alla Rezk [ID. Nru. 143392M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti pro et noe mressqa fit-2 ta' Ottubru, 2015** u li permezz taghha talab lill-intimat jhallsu s-somma ta' tlett mija hamsa u hamsin euro [€355] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "L-attur pro et noe qed jitlob li l-konvenut jigi kundannat ihallsu s-somma ta' tlett mija u hamsa u hamsin euro (Euro 355): in kwantu ghal mitejn u sebghajn euro (Euro 270) rapprezentanti prezz ta' televison Samsung 32' u remote control; u in kwantu ghal hamsa u tmenin euro (Euro 85) rapprezentanti prezz ta' 17 il-dvd mikrija lill-konvenut u mhux ritornati.

> Bl-ispejjez komprizi Euro 30 ta' l-ittra nterpellatorja ta' l-20 ta' Mejju 2015 u bl-imghax legali minn notifika ta' din it-Talba kontra l-konvenut minn issa ngunt biex jidher personalment ghas-subizzjoni".

Ra li l-intimat gie debitament notifikat fit-13 ta' Ottubru, 2015 u li baqa' ma ressaq l-ebda risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

Semgha x-xhieda tar-rikorrenti Joseph Celeste fil-11 ta' Novembru, 2015 li kkonferma li l-ammont reklamat kien ghadu dovut.

Ra li Dr. Austin Gauci Maistre fis-seduta tal-11 ta' Novembru, 2015 iddikjara li r-rikorrenti ma kellhomx aktar provi xi jressqu.

Ra li Dr. Paul Gauci Maistre, li assocja ruhhu fil-patrocinju tar-rikorrenti fis-seduta tal-lum talab li t-Talba tmur ghas-sentenza in vista tal-verbal datat 11 ta' Dicembru, 2015. It-ribunal laqa' t-talba.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, rikorrenti pro et noe qieghed jitlob il-hlas, minghand l-intimat, tas-somma ta' tlett mija hamsa u hamsin euro [€355] in konnessjoni ma' xiri ta' televizjoni tad-ditta Samsung 32' u remote control, kif ukoll ghal prezz ta' sbatax (17)-il dvd mikrija lill-intimat u li baqghu ma gewx ritornati minnu.

Ikkunsidra;

2. Ir-rikorrenti kkonferma, fis-seduta tal-11 ta' Novembru, 2015 li l-ammont reklamat minnu kien ghadu dovut. Qal ukoll li l-ammont ta' €85 rapprezentanti prezz ta' sbatax (17)-il dvd huwa baxx mehud in konsiderazzjoni l-fatt li huwa jikri dawn id-dvd's bl-ewro (€1) jew bl-ewro u hamsin centezmu (€1.50c) kuljum skont il-kaz u li huwa kien xtara dawn l-istess DVD's bi prezz ferm ghola minn dan. Ra ukoll id-dokument esebit mir-rikorrenti fit-18 ta' Novembru, 2015 (fol. 8).

3. Illi minkejja li l-kawza kienet differita ghall-provi ta' l-intimat ghal-lum, huwa baqa ma deherx u ma ressaq l-ebda prova. Id-difensur tar-rikorrenti talab lit-Tribunal jghaddi ghas-sentenza, liema talba intlaqghet.

Ikkunsidra ulterjorment;

4. Illi l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment hekk:

> *(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*
>
> (a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

5. Imbaghad il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

> *Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*
>
> *(b) Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-*

> *subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

6. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

7. Fil-kaz odjern, l-intimat gie debitament notifikat fit-13 ta' Ottubru, 2015 u li la ressaq risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

8. Jirrizulta li t-talba tar-rikorrenti pro et noe hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal minnhom ma ghandux mis-sewwa.

9. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mir-rikorrenti pro et noe huwa dovut mill-intimat.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tar-rikorrenti pro et noe kif kontenuta fit-Talba taghha u konsegwentement jikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti pro et noe s-somma ta' tlett mija hamsa u hamsin euro [€355] bl-imghaxijiet kif mitluba fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mit-13 ta' Ottubru, 2015 (data tan-notifika tat-Talba odjerna), sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha kif mitluba huma a kariku tal-intimat.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**